Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 485/2012

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Mathese Portelli**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Marthese Portelli, bint James Tom u Mary Inez nee Micallef, imwielda tas-Sliema fl-14 ta' Jannar 1968 u li toqgħod ġewwa Pinetina, Triq ir-Ratal, Swieqi u li għandha l-karta tal-identita' bin-numru 204068(M) li kienet akkużata talli fit-18 ta'Mejju 2012 u fix-xhur ta' wara ġewwa 113, Pinetina, Triq ir-Ratal, Swieqi, bla ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-Liġi,iżda biss biex teżerċita jedd li għandha ġiegħlet bl-awtorita' tagħhha nnifisha jew fixklet lil Antoine Portreli fil-pussess ta' ħwejġu jew b'ximodieħor kontra l-liġi indaħlet fi ħwejjeġ ħadd ieħor.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta'Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-11 ta' Ottubru 2012 li biha l-Qorti illiberat lill-imputata wara li qieset dan li ġej:

*'Illi x-xhud (Antoine Portelli) iddikjara li għal dak li jirrigwarda l-allegat bdil tas-serratura tal-bieb tal-penthouse, huwa qagħad biss u esklussivament fuq ak li allegatament qaltlu martu kif ukoll uliedu. Idikjara bil-ġurament illi hu qatt u fl-ebda ħin ma mara hu nnifus (biċ-ċavetta li kien għad kellu) sabiex jipprova jidħol fil-penthouse.*

*In vista ta' dan ilp0kwadru ta' fatti kif espost u allura, peress illi l-element materjali tar-reat ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, ma ssibx lill-imputata ħatja u tilliberaha bil-liġi.'*

3. Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali intavolat fil-25 t'Ottubru 2012 li fih huwa qal li jħossu aggravat b'din is-sentenza għaliex il-Qorti tal-Maġistrati. L-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-Liġi u għaldaqstant interpona appell taħt l-artikolu 413(1)(b)(v)(i) tal-Kap 9.

4. Skont l-Avukat Ġenerali, meta wieħed iqis il-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni l-fatti ta' dan il-każ fihom l-elementi kollha ta' ragion fattasi. (Ara Appell Kriminali : Il-Pulizija vs Michael Lungaro, Qorti tal-Appell Kriminali 15 ta' Mejju, 2003).

5. Il-konjuġi Portelli jistgħu jitqiesu ko-possessuri tad-dar għaliex il-fond inbena tintuża bħala d-dar matrimonjali. Bil-bdil tas-serratura ta' dan il-fond minn Marthese Portelli, Antoine Portelli ma kellux aktar aċċess għal dan il-fond. L-Avukat Ġenerali rrefera għad-deċiżjonijiet 'Il-Pulizija vs Raymond Pace' (30 ta' Settembru 2009), 'Il-Pulizija vs Lawrence Camenzuli' (17 ta' Settembru 2004), 'Il-Pulizija

vs Vincent Cortis’ tas-27 ta’novembru 2008 kif ukoll għal silta mill-Carrara.

6. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Prosekutur.

8. Rat il-fedina aġġornata tal-appellata.

Ikkonsidrat

9. Li waqt ix-xhieda tiegħu, is-sur Antoine Portelli qal li l-ex-mara tiegħu biddlet is-serratura tal-fond li kien inxtara matul iż-żwieġ mingħajr ma huwa kien ta l-kunsens tiegħu biex isir dan. Jum minnhom ‘irrealizza’ li huwa ma kellux aċċess għad-dar. Huwa kien talab kopja taċ-ċavetta iżda ma kienx ingħata kopja taċ-ċavetta. Huwa kien allontana ruħu minn martu u għal xi żmien iċ-ċavetta tal-penthouse baqgħet taqbel. Imbagħad kien irrealizza li ċ-ċavetta kienet inbidlet. Huwa ma kienx mar jorqod fil-penthouse minħabba li ma kellux aċċess għaliha. Qabel ma nbidlet is-serratura kien daħal diversi drabi. Martu kienet qaltlu li bidlet is-serratura u anzi qaltlu beix ma jersaqx ‘l hemm. Qabel am saret il-kwereal huwa ma kienx mar jivveritika jekkk iċ-ċavetta kinitix inbidlet jew le. It-tfal kienu qalulu kif ukoll ra li ċ-ċavetta kienet differenti. Minn dak iż-żmien ‘l hawn huwa kien mar jivverifika.

Ikkonsidrat

10. Li l-każi kollha msemmijin mill-Avukat Ġenerali fir-rikors tal-appell tiegħu huma kollha dwar appelli intavolati **mill-imputati** li kienu nstabu ħatja.

11. F’dan il-każ, l-appell dwar l-allegata ragion fattasi sar **mill-Avukat Ġenerali** u mhux mill-imputata li filfatt kienet liberata.

12. Għalhekk il-Qorti trid tara, ukoll *ex ufficio*, jekk l-appell tal-Avukat Ġenerali huwiex radikat fil-liġi jew le. U dan għaliex ir-reat ta’ ragion fattasi jaqa’ taħt il-kompetenza

oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk l-Avukat Ġenerali jista' jappella biss jekk tkun teżisti waħda mill-kondizzjonijiet fl-artikolu 413(1)(b) biss.

13. Skont ir-rikors tal-appell, l-Avukat Ġenerali bbaża l-appell tiegħu minħabba li l-Qorti tal-Maġistrati għamlet enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-Liġi u interpona l-appell ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kap 9.

14. Dan is-sub-paragrafu jgħid hekk:

'(i) il-fatt ma jkunx fih l-ngredjenti ta' reat;' (that the fact does not contain the ingredients of an offence.)

15. Skont is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Georgia Zammit' tal-20 ta' Frar 1986 deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri:

*'Meta l-Avukat Generali jappella minhabba "enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi" jew "error juris", malli l-enunċjazzjoni denunzjata bħala hazina tiġi minflok rikonoxxuta korretta, allura jekk l-appell ma jkunx ibbażat fuq xi inċiż ieħor tal-artikolu 425, l-appell jieqaf hemm. Il-kelma "fatt" uzata fl-artikolu 425(1)(b)(iv) tirreferi kemm għall-fatti imputati kif ukoll ghal dawk li jirrizultaw. Fl-ewwel kaz hu pprospettat il-kaz fejn il-Qorti, bla ma tisma' prova, tiddeċiedi li l-fatt imputat ma fihx l-elementi ta' reat u allura hemm l-appell tal-Avukat Generali u dan ikun purament appell fuq punt ta' dritt.*

*Similment, jekk wara li jinstemgħu l-fatti tiġi applikata ħażin il-liġi, ikun proprjament qed jiġi deċiz li l-fatti ma jikkostitwixxux reat mhux ghax necessarjament hu hekk izda ghax tkun saret enuncjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi. F'dan il-kaz l-appell hu mogħti lill-Avukat Ġenerali jekk veru jkun sar dan l-error juris biss, u l-fatti jistennew l-eżitu ta' din il-kwistjoni.'*

16. Mis-sentenza tal-11 t'Ottubru, 2012, jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati semgħet ix-xhieda u għalhekk l-ewwel

alternattiva msemmija fis-sentenza tal-20 ta' Frar 1986 ma tokkorrix.

17. Dwar it-tieni alternattiva, mis-sentenza ma jirriżultax li l-Qorti tal-Maġistrati f'xi parti mis-sentenza għamlet xi analiżi tal-artikolu 85. Iżda minflok, kif diġa'ntwera fl-ewwel parti ta' din is-sentenza meta kienu ċitati l-aħħar vrus tas-sentenza, il-Qorti tal-Maġistrati, hija u tqis il-fatti, ikkonkludiet li 'l-element materjali tar-reat ma ġiex ippruvat sal-grad rikjest mil-liġi.' Il-Qorti waslet għal din il-konklużjoni għaliex ix-xhud qatt ma kien mar biċ-ċavetta li kellu sabiex jidħol fil-penthouse. Kemm min-noti tal-Qorti kif ukoll mill-istess sentenza jirriżulta huwa kien qagħad fuq ak li qalulu martu u wliedu. Din il-verżjoni tal-fatti nbidlet xi ftit fl-appell.

18. Issa, li dak li qalu t-tfal lil missierhom huwa hearsay evidence minħabba li dawn ma xehdux. Il-hearsay evidence hija prova li jkun sar ċerta kliem iżda mhux tal-fatti li jkunu ntqalu fil-kliem użat. Tista' pero' tintuża biex tikkorabora prova oħra.

19. Min-naħa l-oħra dak li qalet l-imputata (illum appellata) lil żewġha huwa aċċettat bħala prova bl-artikolu 651 tal-Kap 9 u m'għandux jitqies bħala hearsay evidence.

20. Id-difiża ssottomettiet li ma kienx ippruvat it-titolu. Din is-sottomissjoni hija żbaljata minħabba li fil-każ ta' konjuġi, il-każistika dejjem żammet li dawn huma kopropretarji u għalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' din is-sottomissjoni.

21. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-Ewwel Qorti m'għamlitx interpretazzjoni eżatta tal-hearsay rule b'mod partikolari f'dik il-parti fejn ix-xhud kien xehed dwar li martu qaltlu li kienet biddlet iċ-ċavetta. Dan wassal biex tkun applikata ħażin il-liġi u jammonta għall-aktar minn sempliċi apprezzament ta' fatti.

22. Għalhekk l-avukat ġenerali seta' jappella.

23. Minn dak li semgħet il-Qorti jirriżulta li ċ-ċavetta kienet inbidlet mingħajr il-kunsens tar-raġel tal-imputata (appellata).

24. Il-Qorti għalhekk hija soddisfatta li l-erba’ elementi rikjesti fl-artikolu 85 tal-Kap 9 kollha huma soddisfatti. Konsegwentement qed issib lill-appellata ħatja taħt dan l-artikolu.

## Konklużjoni

25. Isegwi li l-appell tal-Avukat Ġenerali huwa radikat fl-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kap 9. Mill-provi jirriżultaw l-elementi kollha tal-artikolu 85 tal-Kap 9. **Għalhekk qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Ġenerali u qed tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fil-11 t’Ottubru 2012 u wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap 9 qed issib lill-appellata ħatja tal-imputazzjoni iżda flok tikkundannaha qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet xhur mil-lum. Il-Qorti qed tordna lill-appellata sabiex tagħti kopja taċ-ċavetta ġdida lil żewġha fi żmien tliet gimgħat mil-lum.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------